

Motivi invokati: ir-rikorrenti ssostni li l-UASI u l-Bord wettqu żball ta' liġi meta kkonkludew li t-trade marks jixxiebhu legalment u meta kkonkludew *ipso facto* li hemm probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku rilevanti.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2012 — Uralita vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-250/12)

(2012/C 243/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Uralita, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: K. Struckmann, avukat u G. Forwood, Barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Marzu 2012, li temenda d-Deċiżjoni C(2008) 2626 finali, tal-11 ta' Ġunju 2008, dwar proċediment skont l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE (li sar l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/38.695 — Klorat tas-Sodju), sa fejn dan jipponi multa ta' EUR 4 231 000 fuq ir-rikorrenti;
- tannulla l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 1965, tas-27 ta' Marzu 2012 — Każ COMP/38.695 — Klorat tas-Sodju; u
- tordna li l-konvenuta tbat i-l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

- (1) L-ewwel motiv, li jallega li d-deċiżjoni li tiġi imposta multa wara li skada l-perijodu ta' preskriżjoni stabbilit fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003⁽¹⁾, u li jinżammu l-interessi fuq din is-somma, kienet illegali.
- (2) It-tieni motiv, li jallega, alternativament, li kien illegali li l-Kummissjoni żammet l-ammont tal-multa imposta bid-Deċiżjoni C(2012) 1965 tas-27 ta' Marzu 2012, inklużi l-interessi, qabel ma l-multa kienet dovuta.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2 p. 205)

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2012 — Diadikasia Symvouloji Epicheiriseon vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-261/12)

(2012/C 243/47)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijz

Partijiet

Rikorrenti: Diadikasia Symvouloji Epicheiriseon AE (Chalandri, il-Greċja) (rappreżentant: A. Krystallidis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tordna kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti bid-deċiżjoni illegali tad-Delegazzjoni tal-UE fis-Serba tat-23 ta' Marzu 2012 li tannulla l-għoti tal-kuntratt "Tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-Kummissjoni għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni (CPC) fir-Repubblika tas-Serbja" (ĠU 2011 S 147) li ngħata lir-rikorrenti fil-kapaċità tagħha bħala lkumpannija ewlenija fil-konsorżju tal-imsemmi proġett;
- tikkundannna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ġumes motivi.

- (1) L-ewwel motiv, li jallega li l-konvenuta agħixxiet b'mod illegali billi akkużat lir-rikorrenti b'ventagg iddebi fil-konfront tal-offerenti l-oħra, meta dan il-kunflitt ta' interess li r-rikorrenti qed tiġi akkużata bih jikkonċerna kumpannija oħra totalment indipendent, jiġifieri lil European profiles SA u mhux lir-rikorrenti.
- (2) It-tieni motiv, li jallega li l-konvenuta naqset mill-obbligu tagħha li tipprovd raġuni ċara u fattwali għall-annullament tal-kuntratt, bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba, billi naqset milli tiġġustifika r-raġuni li permezz tagħha r-rikorrenti ingħatat vantaġġ iddebi fil-konfront tal-offerenti l-oħrajn.
- (3) It-tielet motiv, li jallega li l-konvenuta kisret id-dritt għal smiġħ tar-rikorrenti billi naqset milli titlobha tesprimi l-pożizzjoni tagħha dwar ir-raġuni li tista' tikkawża kunflitt ta' interess, bi ksur tal-Artikolu 16 tal-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba.
- (4) Ir-raba' motiv, li jallega li l-konvenuta kisret l-obbligu tagħha li tagħti lir-rikorrenti aċċess għad-dokumenti li jistgħu jaġħdu prova tal-allegata konnessjoni illegali u tal-vantaġġ iddebi fil-DIADIKA Consortium, skont l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.